MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Numru 15/1992

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Albert Ellul**

**Il-Qorti**:

Rat is-sentenza moghtija fil-21 ta' Ottubru 1997 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

**"Il-Qorti,**

**Rat il-verdett registrat fil-20 ta' Ottubru, 1997 li bih il-gurati:-**

**(1) bi tmien voti kontra vot wiehed sabu lill-akkuzat hati ta' l-omicidju volontarju ta' Anthony sive Twanny Baldacchino bic-cirkostanza li l-omicidju volontarju sar fil-waqt li l-hati kien taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu;**

**(2) b'sitt voti kontra tlieta sabu lill-akkuzat hati tat-tentativ ta' omicidju volontarju ta' Carmen Azzopardi, liema delitt sar b'arma tan-nar;**

**(3) b'sitt voti kontra tlieta sabu lill-akkuzat hati ta' l-omicidju volontarju ta' Marie Rose sive Rose Baldacchino;**

**(4) b'sitt voti kontra tlieta sabu lill-akkuzat hati ta' l-omicidju volontarju ta' Antonio sive Antoine Baldacchino; u**

**(5) unanimament sabu lill-akkuzat hati li volontarjament hassar hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-hsara ma kienx jiskorri l-hamsin lira izda kien izjed minn ghaxar liri, bic-cirkostanza li l-parti offiza irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali.**

**U fil-waqt li tiddikjara ezawrit il-procediment relattiv ghall-hames reat fuq imsemmi, dak tal-hsara volontarja, in vista tar-rinunzja mill-parti offiza ta' l-azzjoni kriminali relattiva;**

**Tiddikjara lill-akkuzat hati tar-reati hawn fuq imsemmi fil-paragrafi (1), (2), (3) u (4);**

**Rat l-artikoli 41(1)(a), 211 (1)(2) u 227(c) tal-Kodici Kriminali;**

**U wara li semghet, dwar il-piena, it-trattazzjoni ta' l-Avukati u tax-xhud prodott mill-hati;**

**Tikkundanna lill-hati ghall-prigunerija ghal ghomru.**

**Tordna l-konfiska tas-senter dokument "AE.l" u ta' kull munizzjon esibit.**

**Tikkundanna wkoll lill-hati li jhallas lir-Registratur elf u tlieta u sebghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1073.25) spejjez konnessi mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz, u dan fi zmien sitt xhur millum."**

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat ipprezenta rikors ta' appell fl-10 ta' Novembru 1997 li bih talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata kwantu l-hames kap ta' l-att ta' l-akkuza u timmodifikaha kwantu l-ewwel kap billi tiddeciedi u tiddikjara illi l-omicidju volontarju ta' Twanny Baldacchino sar bic-cirkostanza li l-istess omicidju volontarju kien provokat b'delitt kontra l-persuna liema delitt kien suggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija u li fin-nuqqas li din il-Qorti tilqa' din l-iskuzanti ai termini ta' l-artikolu 227(a) li tikkonferma l-verdett u d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti rigwardanti dan il-kap; kwantu ghat-tieni kap billi tirrevoka s-sentenza appellata billi ma ssibux hati skond it-tieni kap ta' l-att ta' akkuza u tiddeciedi u tiddikjara lill-appellant hati talli kkaguna hsara fil-gisem ta' Carmen Azzopardi billi giet maghmula ferita li dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem bic-cirkostanza li l-offiza kienet ipprovokata b'delitt kontra l-persuna; u fin-nuqqas illi din il-Qorti ma tilqax u taccetta din l-iskuzanti imsemmija, li tiddeciedi illi ssibu hati ta' l-offiza gravi fuq il-persuna ta' Carmen Azzopardi b'dan pero` li din l-offiza saret fil-waqt li l-appellant kien taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu u li fil-kaz li din il-Qorti ma tilqax u taccetta illi d-delitt kien ta' offiza gravi fuq il-persuna, izda ta' tentattiv ta' omicidju volontarju, illi timmodifika s-sentenza appellata rigwardanti dan il-kap fis-sens illi ssibu hati ta' tentattiv ta' l-omicidju volontarju ta' Carmen Azzopardi, pero` bic-cirkostanza li kien ipprovokat b'delitt kontra l-persuna liema delitt kien suggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija u li fin-

nuqqas li din il-Qorti ma tilqax u tiddeciedi li kien hemm din ic-cirkostanza ta' din l-iskuzanti msemmija, li ssibu hati tat-tentattiv ta' l-omicidju volontarju ta' Carmen Azzopardi bic-cirkostanza li l-appellant kien taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu; kwantu ghat-tielet u r-raba' kapi ta' l-att ta' akkuza, tirrevoka s-sentenza appellata billi ma ssibux hati skond it-tielet u r-raba' kapi ta' l-att ta' akkuza, izda hati tat-tielet u r-raba' kapi ta' l-att ta' akkuza, cioe` ssibu hati ta' l-omicidji volontarji ta' Maria Rosa sive Rose Baldacchino (it-tielet kap) u ta' Antonio sive Antoine Baldacchino (ir-raba' kap), bic-cirkostanza fiz-zewg kazijiet li dawn gew kommessi mill-appellant meta kien ipprovokat b'delitt kontra l-persuna liema delitt kien suggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija u fin-nuqqas li din il-Qorti ma tilqax din l-iskuzanti f'wiehed jew l-iehor minn dawn il-kapi jew fit-tnejn li huma, li ssibu hati tat-tielet u r-raba' kapi ta' l-att ta' akkuza, pero` bic-cirkostanza fiz-zewg kazijiet illi l-istess omicidji volontarji gew kommessi fil-waqt li l-appellant kien taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt ta' dawn id-delitti ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu; u li f'kull kaz il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ghandha tigi revokata u mibdula fis-sens illi l-perijodu ta' prigunerija jigi specifikat u ndikat ghal zmien determinat li minnu ghandu jitnaqqas iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Mir-rikors ta' appell jirrizulta li l-appellant ghandu s-segwenti aggravji: li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza, li kien hemm irregolarita` matul il-kawza u interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett. Ghall-fini ta' pratticita`, qabel ma tikkunsidra l-aggravji taht l-ittri A u B li jirrigwardaw kwistjoni ta' apprezzament ta' provi, din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta l-aggravji li jirrigwardaw l-

allegati irregolaritajiet li saru matul il-kawza u l-allegata interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li saret mill-ewwel Qorti (dawk taht l-ittra C).

**C. Irregolarita` matul il-kawza u interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett**

C1. L-appellant isostni li kien hemm diversi irregolaritajiet fl-indirizz. Huwa jispjega l-ilmenti tieghu b'dan il-mod:

"Jibda biex jinghad illi d-difisa sew fl-arringa taghha, kif ukoll fil-kontro-replika, filwaqt illi spjegat x'inhuma l-elementi li trid il-ligi ghal omicidju volontarju, issottomettiet illi fil-kaz odjern, dawn l-elementi kienu jirrizultaw. Il-linji difensjonali avvanzati mid-difisa, kienu bbazati fuq l-iskuzanti gia msemmija f'dan ir-rikors.

Nonostante din il-posizzjoni minn naha tad-difisa, l-indirizz ta' l-Imhallef, gie postat b'mod qisu d-difisa ma ghamlitx il-posizzjoni taghha cara ta' kif hi thoss li ghandu jigi nkwadrat dan il-kaz. Hekk insibu, li sew fil-bidu ta l-istess indirizz u sew f'partijiet ohra tieghu, l-Imhallef qieghed ipoggi a konsiderazzjoni tal-gurati l-possibilita` illi huma jistghu isibu lill-esponenti mhux hati ghaliex b'eghmilu ma jkunx kiser l-ebda ligi. Dan mhux il-punto di vista li ressqet id-difisa. Id-difisa anzi, sahqet diversi drabi illi l-akkuzat hu kriminalment responsabbli, ghandu iwiegeb ta' eghmilu quddiem il-ligi, pero` minhabba fl-istat mentali tieghu gie ppruvat fuq bazi ta' probabbilita` li jezistu wiehed jew l-iehor mill-iskuzanti msemmija. Il-mod kif l-indirizz gie postat, il-gurati setghu kienu qeghdin jifhmu illi jekk jaccettaw din it-tezi, jista' jkun il-kaz li hu jista' jinstab mhux hati. Barra minn hekk, dan hu kaz, illi meta l-gurati jisimghu lill-Imhallef jipprospetta illi l-akkuzat seta' ma kiser l-ebda ligi, meta ghandek dawn l-akkuzi serji kollha, ir-reazzjoni mentali taghhom titpogga f'qaghda illi hawn hemm xi haga li mhux qed tinkwadra tajjeb. Dawn il-hsibijiet m'humiex konsonanti ma' dak li semghu lid-difisa tghidilhom. Ghalhekk tirrizulta l-konfuzjoni fil-hsieb.

Ghandu jinghad ukoll, illi fl-indirizz, l-Imhallef pprezenta verdetti alternattivi li d-difisa lanqas biss qatt ghamlet accenn ghalihom fil-kors tad-difisa taghha. Hekk insibu, illi s-Sur Imhallef pogga a konsiderazzjoni tal-gurati rigwardanti l-ewwel, it-tielet u r-raba' kapi, il-figura ta' l-offiza gravi fuq il-persuna li biha grat il-mewt minhabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiza w bic--cirkostanza li l-offiza kienet ipprovokata b'delitt kontra il-persuna, pogga a konsiderazzjoni tal-gurati l-figura tal-offiza gravi segwita bil-mewt li saret minhabba agitazzjoni tal-mohh, u pogga a konsiderazzjoni tat-gurati l-figura tal-offiza gravi segwita bil-mewt. Dan kien ghal kollox kontra s-sottomissjonijiet li saru mill-istess difisa. Indubbjament il-gurati illi ma kienux edotti minn dawn il-linji ta' difisa, bil-fors li sabu ruhhom f'konfuzjoni ta' hsieb ulterjuri, li qed jigu ntrodotti quddiemhom possibilitajiet godda, li lanqas id-difisa ma ghamlet accenn ghalihom. Mhux hekk biss, izda bir-rispett, l-indirizz ma ta l-ebda spjegazzjoni cara ta x'inhi l-offiza gravi segwita bil-mewt, u lanqas ghaliex f'dan id-delitt il-provokazzjoni ghandha tkun biss b'delitt kontra il-persuna.

L-istess ghandu jinghad fil-konfront tat-tieni kap. Id-difisa hawnhekk issollevat illi ma kienx hemm, fil-kaz ta' Carmen Azzopardi, l-intenzjoni specifika li trid il-ligi ghal omicidju volontarju, w li kwindi ma kien hemm l-ebda tentattiv ta' l-istess delitt. Id-difisa argumentat illi f'dan il-kaz, l-intenzjoni kienet wahda generika, u accettat illi kien gie pruvat, illi n-natura ta' din l-offiza kienet wahda gravi, minhabba illi zewg combiet kienu ppenetraw il-kavita` toracika. Di piu`, id-difisa argumentat ukoll illi anke hawn jezistu l-iskuzanti li diga` issemmew. Fl-indirizz, l-Imhallef, rega' ipprospetta a konsiderazzjoni tal-gurija verdetti alternattivi illi qatt ma gew imsemmija fil-kors tal-guri mid-difisa. Ipprospetta w pogga a konsiderazzjoni tal-gurija il-figura tal-offiza fuq il-persuna li kienet ta' natura hafifa, ipprovokata b'delitt kontra l-persuna, pogga a konsiderazzjoni tal-gurija l-figura ta' l-offiza hafifa maghmula taht l-influwenza immedjata tal-agitazzioni tal-mohh, u pogga finalment il-figura ta' l-offiza fuq il-persuna ta' natura hafifa.

Dan l-istat ta’ fatt, huwa fl-umili fehma ta’ l-esponenti, irregolarita`, stante illi bir-rispett, l-indirizz ta’ l-Imhallef ghandu jispjega l-punti ta' dritt illi huma rilevanti ghall-kaz, a bazi tad-difisi sollevati w ta’ l-akkuzi mressqa. Kemm l-avukat difensur, kif ukoll l-avukat prosekutur, fl-istadju tad-dibattitu tal-kaz, ghandhom jaghmlu sottomissjonijiet fuq punti ta’ dritt. Hu principju illi dwar punti ta’ dritt, il-gurija ghandha toqghod biss fuq l-interpretazzjoni tal-ligi li jaghti l-Imhallef lill-gurija. Dan ifisser illi l-ligi tkun qed tippermetti lill-avukati illi jaghmlu sottomissjonijiet dwar punti ta’ dritt, a beneficcju ta’ l-istess Imhallef Sedenti sabiex jirregola ruhu fl-indirizz tieghu, illi jispjega dawk il-punti lill-gurati, hekk sollevati mill-partijiet. Bir-rispett ghalhekk, l-Imhallef f'guri, ma jistax jipprospetta linji ta’ difisa hu, “ex officio”. Ghandu, meta jezistu delitti komprizi w involuti fl-akkuza, jispjega l-elementi ta’ dawk id-delitti komprizi w involuti. Meta pero` l-istess difisa tkun qeghda hija stess, bil-argomentazzjonijiet legali taghha, tasal biex teskludi certi delitti komprizi w involuti, il-Qorti m’ghandhiex hi stess, tipprospetta delitti li ma gewx indikati, anzi eskluzi, mill-istess difisa.

Fil-kaz in ezami, ghar-rigward l-ewwel, it-tielet u r-raba' kapi, id-difisa qatt ma pprospettat id-delitt tal-ferita gravi segwita bil-mewt u qatt ma pprospettat l-iskuzanti relatati ma’ dan id-delitt. Fit-tieni kap, id-difisa qatt ma indikat illi l-offizi fuq Carmen Azzopardi kienu ta’ natura hafifa, wisq aktar il-provokazzjoni w l-agitazzjoni tal-mohh bhala skuzanti ghad-delitt ta’ offiza fuq il-persuna ta' natura hafifa."

Minflok ghalhekk, bir-rispett, l-indirizz inkwadra fid-dettal, l-elementi legali tal-linji difensjonali, gew krejati figuri legali ohra ghal kollox estraneji li setghu hawdu l-imhuh tal-gurati, partikolarment meta l-elementi ta' dawn il-figuri alternattivi estraneji ghal kaz, ma gewx spjegati akkuratament lill-gurati.

Din il-Qorti qabel xejn tixtieq tirreferi ghal dak li qal Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R.

217 (**Archbold Criminal Pleading Evidence and Practice 2003** para. 7-53 p. 936):

**"Probably no summing up, and certainly none that attempts to deal with the incidents as to which the evidence has extended over a period of twenty days, would fail to be open to some objection….Every summing-up must be regarded in the light of the conduct of the trial and the questions which have been raised by the counsel for the prosecution and for the defence respectively. This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice".**

Fit-termini ta' l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali l-funzjoni ta' l-Imhallef fil-guri fl-istadju ta' l-indirizz hija li jfisser lill-guri x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-att ta' akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-guri u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu.

Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u del resto tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess indirizz ikun bilancjat b'mod li l-gurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, illi

huwa l-istess Imhallef li huwa imparzjali fir-rigward tal-htija o meno ta' l-akkuzat u li ma jkunx wera preferenza jew ta aktar importanza lejn naha jew ohra.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, minn ezami li ghamlet ta' l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, dak li l-appellant iqis bhala irregolaritajiet ma huma irregolaritajiet xejn. Huwa veru illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta numru ta' verdetti alternattivi li ma ssemmewx mid-difiza, izda dan ghamlu ghaliex, kif qal hu stess, "irrid inpoggilkom kull ipotesi biex intom ikollkom ix-xelta, ghaliex intom tridu tiggudikaw, tridu jkollkom ix-xelta bejn haga u ohra". Bhalma l-Imhallef li jippresjedi guri mhuwiex marbut li jsemmi u jirreferi ghal kull sottomissjoni li tkun saret mill-partijiet, hekk ukoll mhuwiex marbut li jsemmi biss u unikament dak li rreferew ghalih il-partijiet. Naturalment fejn tezisti sitwazzjoni li d-difiza tkun qed tammetti li jkun sar att partikolari, viz. omicidju volontarju, u s-sottomissjonijiet jirrigwardaw biss jekk hix applikabbli xi skuzanti u f'dak il-kaz liema skuzanti hi applikabbli fic-cirkostanzi, jista' jinghad li huwa inutili li fl-indirizz joqoghdu jissemmew alternattivi ohra li effettivament jistghu joholqu konfuzjoni f'mohh il-gurati. Il-fatt li jissemmew pero` ma jikkostitwix irregolarita`. Fi kwalunkwe kaz, il-biza' ta' l-appellant li dan kollu seta' holoq konfuzjoni f'mohh il-gurati hija, fil-fehma ta' din il-Qorti, infondata ghax jirrizulta li dawn il-figuri alternattivi li pprospetta l-Imhallef li ppresjeda l-guri u li ma kinux issemmew mid-difiza fi kwalunkwe kaz gew minnhom skartati ghal kollox. Lanqas ma taqbel din il-Qorti li, ghax l-Imhallef li ppresjeda l-guri pogga ghall-konsiderazzjoni tal-gurati l-possibilita` li setghu isibu lill-appellant mhux hati ghaliex b'ghemilu ma jkun kiser ebda ligi, dan b'xi mod seta' jwassalhom biex jifhmu li jekk jaccettaw xi wiehed jew iehor mill-iskuzanti msemmija mid-difiza kien ifisser li l-appellant jista' jinsab mhux hati. Dan l-argument migjub mid-difiza huwa wiehed imgebbed ghall-ahhar. Huwa evidenti mill-mod kif l-Imhallef li ppresjeda l-guri indirizza lill-gurati li huwa kien qieghed jindika l-verdett ta' mhux hati biss bhala verdett iehor minn fost l-alternattivi li elenka u mhux bhala konsegwenza ta' accettazzjoni da parti tal-gurati ta' xi wiehed mill-iskuzanti msemmija mid-difiza.

C2. Irregolarita` ohra li l-appellant jghid li kien hemm huwa li filwaqt li l-ewwel Qorti tat ftit jew xejn spjegazzjoni dwar il-figura ta' l-agitazzjoni tal-mohh, tat spjegazzjoni aktar fit-tul dwar il-kuncett ta' provokazzjoni li jista' jgib din l-agitazzjoni tal-mohh, u partikolarment meta d-difiza stess kienet hi stess eskludiet il-provokazzjoni msemmija fil-*proviso* ta' l-artikolu 227(c) tal-Kap. 9. B'hekk, isostni l-appellant, il-gurija giet affettwata b'konfuzjoni bejn it-tip ta' provokazzjoni li l-Qorti qabel kienet dahlet fiha ghall-finijiet ta' l-artikolu 227(a) u l-provokazzjoni li tissemma ai termini tal-*proviso* ta' l-artikolu 227(c).

Fl-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal hekk dwar l-agitazzjoni tal-mohh[1]:

"L-agitazzjoni tal-mohh naturalment tafu x'inhija. Hija inkwiet, turbament mentali, dghadigha, tqanqil tal-mohh, agitazzjoni tal-mohh. Biss mhux kull agitazzjoni tal-mohh illi tkun qieghda tinfluwenza lill-akkuzat, tiswa lill-hati anzi, ghax anke dina, tikkonsidrawha dina, tkunu sibtuh hati. Mhux kull agitazzjoni tal-moh tiswa bhala skuzanti. Imma dik l-agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, tghidlek il-ligi, fil-waqt tad-delitt ma tkunx tista' tqis l-ghemil taghha - il-persuna li tkun taht l-influwenza ta' dik l-agitazzjoni trid illi fil-mument tad-delitt, fil-mument illi spara, ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu - dawn huma kollha kwistjonijiet ta' fatt li tridu intom taraw jekk jirrizultawlkomx fil-grad tal-probabbilita` mill-provi illi smajtu u li rajtu.

Ma jkunx jista' jqis l-ghemil tieghu - mhux ma jkunx jaf x'inhuwa jaghmel - ma jkunx jista' jqis l-ghemil tieghu. Ma jkunx kapaci jirrifletti fuq dak li qieghed jaghmel. Mhux ma jafx x'inhuwa jaghmel, ma jkunx kapaci jirrifletti.

Issa mhux mehtieg illi dina l-agitazzjoni tal-mohh torigina fil-mument tad-delitt, mhux mehtieg, torigina meta torigina, din l-agitazzjoni tal-mohh, l-importanti l-essenzjali hu biex ikun hemm din l-iskuzanti illi fil-mument tad-delitt il-hati jkun taht influwenza immedjata ta' din l-agitazzjoni u li

[1] Fol. 21 ta' l-indirizz traskritt.

f'dak il-mument il-hati ma jkunx jista' jqis l-ghemil tieghu, ma jkunx jista' jirrifletti dwar l-ghemil tieghu.

U dina l-agitazzjoni tal-mohh tista' tkun ikkawzata minn kwalunkwe haga - meta semmejna l-provokazzjoni l-ligi ssemmi l-atti ta' provokazzjoni specifici - dina l-agitazzjoni tal-mohh tista' tkun ikkawzata minn kwalunkwe haga, minn inkwiet, minn kwalunkwe haga. Setghet giet kawzata per ezempju mill-fatt illi ra lil ibnu bid-demm, setghet giet kawzata mid-diskors illi qal is-surgent lit-tifel fl-ghassa tal-pulizija. Setghet giet ikkawzata mill-fatt illi l-mara tieghu qaghdet tkellmu u timlieh, ecc., ecc., iggiblu l-agitazzjoni tal-mohh. Araw intom jigifieri mic-cirkostanzi jekk f'dak il-mument illi spara kienx taht tali, kienx taht l-influwenza ta' agitazzjoni tal-mohh, tali, li ma kienx kapaci jirrifletti fuq dak li kien qieghed jaghmel."

Frankament din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti ghamlet xi irregolarita` ghax ma qalitx aktar minn hekk. L-ispjegazzjoni li ta l-Imhallef li ppresjeda l-guri kienet cara. Huwa veru li l-Imhallef imbaghad ghadda biex jispjega l-provokazzjoni taht il-*proviso* ta' l-artikolu 227(c) tal-Kap. 9 izda, apparti li ma jirrizultax li l-ispjegazzjoni dwar din il-figura hadet aktar fit-tul, qabel ma ta din l-ispjegazzjoni l-Imhallef li ppresjeda l-guri ghamilha cara lill-gurati li "meta qed insemmu l-provokazzjoni f'dan il-kaz, m'ahniex nintendu l-provokazzjoni li semmejna diga`, dik hija haga apparti, haga separata." Din il-Qorti inoltre tirreferi ghall-konsiderazzjonijjiet li ghamlet dwar l-ilment precedenti sa fejn applikabbli anke ghal dan l-ilment.

C3. L-appellant jghid ukoll li fil-kaz tat-tieni kap ta' l-att ta' akkuza kien hemm interpretazzjoni skorretta tal-ligi ghal dik li ghandha x'taqsam il-figura tat-tentattiv. L-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali, jghid l-appellant, meta jsemmi l-kliem "bil-hsieb li tikkommetti delitt", irid ifisser illi l-intenzjoni ghandha tkun dejjem dik rikjesta ghad-delitt li persuna tkun qed tigi akkuzata bih. Fil-kaz odjern, dan kien l-omicidju volontarju. Skond l-appellant, il-Qorti kellha ghalhekk l-obbligu li tispjega lill-gurija illi dan kien kaz separat u kwindi l-gurati riedu jaraw dan l-incident izolat biex jaraw jekk l-appellant kellux l-intenzjoni specifika.

Mill-provi tal-kaz, ikompli l-appellant, jirrizulta li Carmen Azzopardi ntlaqtet f'saqajha minn xi comb u waqghet hdejn il-banka tal-lottu fi Triq Santa Marija fejn allura kienet fil-"firing distance" ta' l-appellant; hi kienet ma' l-art u ghal persuna li kellha l-intenzjoni omicida kienet "easy prey", jekk ried joqtolha, li jisparalha tiri ohra. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-att ta' l-appellant ma jammontax ghal "hsieb" li trid il-ligi fl-artikolu 41 tal-Kap. 9.

Din il-Qorti nnotat li fl-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri fil-fatt spjega lill-gurati li huma ghandhom jikkunsidraw id-diversi kapi ta' l-att ta' akkuza separatament u indipendentement. Qallhom[2]:

"Tibdew bl-ewwel akkuza, minghajr ma tikkonsidraw l-akkuzi l-ohrajn, tezaminaw lilha, taslu ghal decizjoni fuqha, taqbdu l-akkuza ta' warajha, separatament u indipendentement mill-akkuza ta' qabilha u ta' warajha."

Spjega wkoll lill-gurati li kull delitt ghandu zewg elementi essenzjali u li[3]:

"jekk jonqos element minnhom ma jistax jezisti d-delitt; dawn huma l-element materjali u l-element intenzjonali. L-element materjali huwa att materjali estern ta' bniedem illi bih jigi konsmat ir-reat - att materjali estern, li jidher jigifieri - u l-element intenzjonali huwa l-intenzjoni li tezisti fl-agent - l-agent huwa dak li jaghmel l-att fil-mument - irid jezisti fil-mument li fih jaghmel dak l-att."

L-imhallef li ppresjeda l-guri kien diga` spjega l-elementi mehtiega ghad-delitt ta' omicidju volontarju meta kien qieghed jittratta l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza. U meta kien qieghed jittratta t-tieni kap, spjega hekk[4]:

"Mela, id-delitt ikollu l-intenzjoni - kellu l-intenzjoni illi joqtol - u d-delitt ma giex esegwit minabba xi haga accidentali. Wera dan il-hsieb - kif urieh, kien urieh l-intenzjoni tieghu? B'atti esterni … atti li jidhru, li juru l-hsieb li jaghmel id-

---

[2] Fol. 10 ta' l-indirizz traskritt.
[3] Fol. 11 ta' l-indirizz traskritt.
[4] Fol. 25 ta' l-indirizz traskritt.

delitt, dak id-delitt specifiku. Araw mela mic-cirkostanzi kienx hemm xi atti, irrizultax illi, intomx moralment konvinti illi l-akkuzat ghamel xi att li permezz taghom wera - atti esterni - wera l-hsieb li jaghmel id-delitt.

Barra milli wera li jrid jaghmel id-delitt, kien hemm il-bidu tal-esekuzzjoni tad-delitt, beda jesegwieh id-delitt, spara, il-fatt li wiehed jispara, wiehed jibda l-esekuzzjoni tad-delitt, imma mbaghad ikun hemm in-nuqqas tal-esekuzzjoni, in-nuqqas ta' rizultat, jigifieri x'inhuwa r-rizultat, l-esekuzzjoni, l-esekuzzjoni hija l-mewt, mela huwa jibda l-esekuzzjoni, jaghmel kollox dak li huwa mehtieg biex jaghmel l-esekuzzjoni tad-delitt, imma l-esekuzzjoni fil-fatt ma ssirx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu. Jispara, jaghmel kollox biex joqtol, imma ma joqtolx minhabba illi, per ezempju, il-persuna li ghaliha jispara twarrab jew ghal xi raguni ohra, imma ghal xi raguni  indipendenti mill-volonta` tieghu.

Jigifieri f'dan il-kaz ma rrizultax il-mewt, ma mititx Carmen, mela ma hemmx omicidju volontarju, hemm l-allegat tentattiv. L-akkuza hija illi ipprova joqtol lil Carmen Azzopardi. Jigifieri hemm l-elementi kollha tal-omicidju volontarju, illi kellu l-intenzjoni, ghamel l-att materjali, bl-intenzjoni li joqtol, sewwa, kollox hlief il-konsumazzjoni tad-delitt, l-att materjali ma giebx il-konsegwenza tal-mewt, ma giebhiex ghal raguni indipendenti mill-volonta` tieghu.

Ezaminaw il-provi u araw jekk kemm-il darba dan ir-reat allegat jirrizultax. U jekk jekk-il darba intom issibu lill-akkuzat hati, jekk intom moralment konvinti illi huwa pprova joqtol lil Carmen Azzopardi, u ma qatilhiexz ghal raguni indipendenti mill-volonta` tieghu, tridu taraw ukoll f'dan il-kaz kienx hemm ic-cirkostanzi skuzanti li diga` semmejna [dik ta' provokazzjoni jew dik ta' agitazzjoni tal-mohh]."

Imbaghad l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal lill-gurati li jekk ma kinux konvinti li l-akkuzat kellu l-intenzjoni li joqtol lil Carmen Azzopardi, kellhom jikkunsidraw is-sottomissjoni tad-difiza li ma kienx hemm ir-reat ta' tentattiv ta' omicidju

imma r-reat ta' offiza gravi. Irrefera wkoll f'dan il-kuntest ghall-iskuzanti tal-provokazzjoni u ta' agitazzjoni tal-mohh kif ukoll ghal diversi figuri alternattivi. Mill-mod kif l-Imhallef li ppresjeda l-guri indirizza lill-gurati ghalhekk ma seta' jkun hemm l-ebda dubju f'mohhhom li dan it-tieni kap kellu wkoll jigi ezaminat minnhom separatament sabiex jiddeterminaw x' kienet l-intenzjoni ta' l-appellant.

L-appellant jghid ukoll li hu ma setax kellu l-intenzjoni li joqtol lil Carmen Azopardi peress illi meta kienet ma' l-art seta' sparalha aktar tiri kieku verament kellu dik l-intenzjoni.

Din il-Qorti tirreferi ghax-xiehda ta' Carmen Azzopardi li qalet li x'hin waslet hdejn il-Banka tal-Lottu l-appellant sparalha, hadha f'saqajha u hi waqghet ma' l-art izda meta Artemia Cachia ppruvat tghinha u twarrabha minn fuq il-post, l-appellant rega' spara u rega' laqatha, bic-comb din id-darba jippenetralha l-*pleural cavities*[5]. Ix-xiehda ta' Artemia Cachia tikkorrobora dan. Min ikollu biss l-intenzjoni li jwegga' u jara li l-vittma tieghu diga` feruta, ma jergax itiha tir iehor - bhalma ghamel l-appellant fic-cirkostanzi rizultanti, cioe` fejn Artemia Cachia kienet ghenet lil Carmen Azzopardi biex tqum mill-art sabiex tharrabha minn fuq il-post u l-appellant itiha tir iehor go daharha.

C4. Fl-ahharnett l-appellant jilmenta dwar il-fatt illi, filwaqt illi l-ewwel Qorti fl-indirizz taghha accennat ghal-linji difensjonali konsistenti fl-iskuzanti msemmija fl-artikoli 227(a) u 227(c) meta kienet qed tikkonsidra l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza, meta giet biex tiddiskuti t-tieni kap tkellmet hafna inqas fuq dawn l-iskuzanti u meta giet ghat-tielet u ghar-raba' kapi ghamlet biss accenn ghalihom minghajr ma dahlet fi spjegazzjoni ulterjuri. L-appellant isostni li din hija applikazzjoni zbaljata tal-ligi procedurali li seta' kellha influwenza fuq il-verdett u li l-gurati setghu hasbu li dawk l-iskuzanti l-Qorti kienet qed taghmel accenn ghalihom fl-ewwel kap izda mhux fil-kapi l-ohra. F'kaz serju bhal dak odjern, tikkontendi d-difiza, il-Qorti

[5] Issir referenza f'dar-rigward ghax-xiehda tal-kirurgu Mr. Norman Formosa (ara xiehda traskritta a fol. 11 u 12 (tape 18 side B) u fol. 6 u 7 (tape 19 side A).

kellha tiehu l-pacenzja biex mhux biss taghmilha altru minn cara illi dawn l-iskuzanti gew u qed jigu diskussi ghall-finijiet ta' kull kap, imma li hija terga' tispjega l-portata ta' tali cirkostanzi illi jwasslu ghal dawn l-iskuzanti. Fil-fatt, ikompli l-appellant, fil-verdett taghha l-gurija ddecidiet li kien hemm agitazzjoni tal-mohh fl-ewwel kap izda mhux ukoll fit-tliet kapi sussegwenti, u meta d-difiza ssollevat dan il-punt wara l-qari tal-verdett u, fl-assenza tal-gurija, talbet lill-Qorti biex taghmel dan il-kwezit lill-gurati, cioe` jekk l-iskuzanti hijiex applikabbli wkoll ghall-kapi l-ohra, l-ewwel Qorti ma laqghetx it-talba.

Minn ezami ta' l-indirizz jirrizulta li dak li l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal fir-rigward tat-tielet u r-raba' kap kien precizament dan:

"… u naslu ghat-tielet kap tal-att tal-akkuza illi jghid - Illi Albert Ellul hati ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament bil-hsieb li joqtol lil Antonio sive Antoine Baldacchino, jew li jqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car, ikkagunalu l-mewt. Dina ma hemmx ghalfejn nikkonsidrawha, nergghu nghidu, nergghu nikkummentaw dan il-kap tal-att tal-akkuza ghax dak kollu li ghidna fir-rigward tal-ewwel kap tal-akkuza japplika ghal dan ukoll. Araw intomx moralment konvinti illi l-akkuzat spara ghal Antoine Baldacchino, araw jekk intomx moralment konvinti illi fil-mument illi spara l-akkuzat kellu l-intenzjoni illi joqtol jew li jpoggilu hajtu f'perikolu car, araw jekk kienx hemm anke f'dan il-kaz ic-cirkostanzi skuzanti, il-provokazzjoni jew, ghax dawk alternattivi, tal-agitazzjoni tal-mohh, jew inkella, jekk ma kien hemm ebda wahda minn dawn l-iskuzanti, u taghtu l-verdett skond ma ssibu.

Araw ukoll, ghalkemm id-difiza qalet illi l-provi jwasslu ghal omicidju volontarju, araw ukoll jekk intom tistghu ma tkunux moralment konvinti illi l-akkuzat kellu l-intenzjoni li joqtol fil-kaz araw jekk kellux l-intenzjoni illi jwegga' u aghtu l-verdetti. Japplika kollox l-istess bhalma ghidtilkom il-verdetti relattivi skond kif jirrizultawlkom bl-istess mod kif ghidtilkom a rigward tal-ewwel kap.

Ma hemmx ghalfejn nirrepetu wkoll ir-raba' kap, skuzi t-tielet kap kien jirrigwarda lil Rose Baldacchino, jiena qbizt pagna, imma japplika l-istess haga. Ir-raba' kap japplika ghal Antoine u ma hemmx ghalfejn nghidu l-istess kummenti."

F'**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** naqraw[6]:

**"Brevity in summing up is a virtue, not a vice; there is no obligation to rehearse all the evidence or all the arguments; generally speaking, however, the longer a trial has lasted, the greater will be the jury's need for assistance in relation to the evidence; in a trial lasting several days or more it will generally be of assistance if the judge summarises those factual matters that are not in dispute and, where there is a significant dispute as to material facts, identifies succinctly those pieces of evidence that are in conflict; but the summing up should never be a mere rehearsal of the evidence and appeals based merely on the failure of the judge to refer to a particular piece of evidence or a particular argument will find little favour in the Court of Appeal: *R. v. Farr*, 163 J.P. 193, CA.**

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant ma jistax jilmenta li l-gurati setghu hasbu illi l-Qorti kienet qieghda taghmel accenn ghall-iskuzanti mressqa mid-difiza fl-ewwel kap izda mhux fil-kapi l-ohra. Il-bran hawn fuq citat mill-indirizz jitkellem wahdu. Inoltre sussegwentement, meta l-ewwel Qorti qasmet il-verdetti kampjuni, elenkat il-verdetti kollha alternattivi fir-rigward ta' kull kap u ghalhekk fir-rigward ta' l-ewwel erba' kapi ukoll il-verdetti alternattivi bl-iskuzanti tal-provokazzjoni jew ta' l-agitazzjoni tal-mohh. Din il-Qorti tqis ukoll inutili l-kwezit li d-difiza riedet taghmel lill-gurati meta hargu bil-verdett taghhom. Difatti, minn ezami tal-verdett (a fol. 428) jirrizulta illi filwaqt illi dwar l-ewwel kap instabet il-htija ghal omicidju volontarju bic-cirkostanza li l-appellant "kien taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma kienx

[6] Ara para. 4-376 pagna 463.

jista' jqis l-eghmil tieghu", fir-rigward tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' kapi l-gurati ddikjaraw li kienu qeghdin isibu l-htija "skond dan il-kap tal-att tal-akkuza". Jigifieri kienet qieghda ssir distinzjoni netta bejn l-ewwel kap u t-tliet kapi l-ohra.

Din il-Qorti se tghaddi issa biex tikkunsidra l-aggravji ta' l-appellant li huwa nstab hati hazin fuq il-fatti tal-kawza.

**<u>B L-esponenti gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza</u>**

L-appellant jghid li giet avvanzata linja difensjonali bbazata fuq l-artikolu 227(a) tal-Kodici Kriminali. Il-provi saljenti fir-rigward ta' din il-linja difensjonali huma relatati ghall-incident fejn it-tifel ta' l-appellant gie ferut, u kif dan l-incident ikkawza provokazzjoni fl-istess akkuzat ai termini ta' l-imsemmi artikolu. Skond l-appellant, l-offiza li garrab Jason Ellul, ghalkemm fiha nnifisha kienet ta' natura hafifa, mill-provi, legittimament u ragjonevolment twassal ghall-akkuza ta' tentattiv ta' ferita gravi. Jghid li mill-provi jirrizulta li Matti Baldacchino mar igib l-arma mill-karrozza u filwaqt li Jason Ellul kien diga` beda miexi lejn Triq il-Herba, l-istess Matti Baldacchino gie minn warajh u attakkah b'dik l-arma. Dan l-attakk, isostni l-appellant, skond diversi xhieda, kien dirett lejn il-partijiet privati ta' Jason Ellul, li Matti Baldacchino kien ghadu kemm hedded li ser ihanxru u li kieku dan ma gholliex siequ u dar biex jevita din id-daqqa kien jintlaqat fuq quddiem fejn hemm il-kavitajiet tal-gisem. L-appellant jghid ukoll li anke Dottor Rizzo Naudi, li ezamina lil Jason Ellul, xehed li l-offiza ma kinitx strettament ta' natura hafifa peress illi fejn intlaqat Ellul hemm arterji importanti li ghal ftit ma ntlaqtux u li kieku ntlaqat fihom kien ikun hemm il-probabbilita` ta' debbulizza permanenti konsistenti f'paralizi.

L-ewwel Qorti korrettement irrimettiet lill-gurati ghall-konsiderazzjoni taghhom il-kwistjoni jekk Matti Baldacchino kellux l-intenzjoni li jikkkommetti offiza ta' natura gravi fuq Jason Ellul u l-kwistjoni jekk tali

provokazzjoni saritx "fil-waqt" ta' l-omicidju ta' Twanny Baldacchino.

Issa, fil-kors tal-guri nstemghu diversi xhieda dwar l-incident inizjali bejn Matthew Baldacchino u Jason Ellul. Tajjeb li jigi osservat, pero`, li dwar l-incident imsemmi ttiehdu proceduri kriminali kontra l-imsemmi Matti (Matthew) Baldacchino billi dan gie akkuzat li kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jason Ellul u b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Ottubru 1995 instab hati ta' din l-akkuza bl-attenwanti kontemplat fl-artikolu 230(b) b'referenza ghall-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali. Ta' min jghid li mill-istess sentenza jirrizulta li f'dawk il-proceduri Jason Ellul ma xehedx in vista ta' proceduri pendenti, izda dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet taghha a bazi ta' l-istqarrija ta' l-imsemmi Matthew Baldacchino li kienet "konfortata minn provi ohra".

Inoltre l-artikolu 235 tal-Kap. 9 jipprovdi li "[ma] jiswewx lill-hati l-provokazzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 227 u 230 meta ma jkunux saru fil-waqt ta' l-azzjoni [fit-test Ingliz: *at the time of the act*] li taghha jingiebu bhala skuza". Jigifieri anke jekk stess kellha tirrizulta l-figura ta' tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Jason Ellul, dan id-delitt ma sehhx "fil-waqt ta' l-azzjoni" - ir-reati addebitati lill-appellant - li dwarha l-appellant qieghed igib tali provokazzjoni bhala skuza. Dan hu hekk peress illi bejn l-incident li sehh bejn Mattew Baldacchino u Jason Ellul kien iddekorra certu ammont ta' hin - madwar saghtejn u nofs/tliet sighat.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud.

**A. L-appellant gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza b'referenza ghall-iskuzanti ta' l-agitazzjoni tal-mohh**

L-appellant isostni li, filwaqt illi m'hemm l-ebda dubbju li huwa kkommetta l-att materjali ghal kull delitt kontenut fl-ewwel erba' kapi ta' l-att ta' akkuza, il-linja difensjonali li l-

aktar sahqet fuqha d-difiza hija l-iskuzanti ta' l-agitazzjoni tal-mohh b'applikazzjoni ta' l-artikolu 227(c) tal-Kap. 9. Jghid li ghalkemm il-prosekuzzjoni matul il-kaz dejjem argumentat b'mod assidwu illi mill-mument li l-appellant sar jaf l-ewwel darba bil-kaz ta' ibnu (11.45 a.m.) sal-mument li gie kommess l-omicidju volontarju ta' Twanny Baldacchino (1.45 p.m.), kienu ghaddew kwazi saghtejn u kwindi l-iskuzanti ta' l-agitazzjoni tal-mohh ma setghet qatt treggi. L-appellant josserva li din l-argumentazzjoni tal-prosekuzzjoni ma gietx acettata mill-gurija bi tmien voti kontra wiehed. Ghalhekk il-bwon sens jiddetta illi l-verdett raggunt mill-gurija rigwardanti t-tieni, t-tielet u r-raba' kapi ta' l-akkuza, ragjonevolment u legittimament ma jistghux jaghmlu sens legali, partikolarment konsiderando l-verdett ta' l-istess gurija rigwardanti l-ewwel kap. Huwa hawn li l-appellant jirritjeni li gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza. Kif jista' qatt wiehed legittimament u ragjonevolment, jargumenta l-appellant, jasal ghall-konkluzjoni illi huwa, li ftit mumenti qabel gie dikjarat li kien taht agitazzjoni tal-mohh, seta' f'dak iz-zmien qasir jigi fi stat mentali li allura ma jibqax jagixxi taht l-istess agitazzjoni tal-mohh? U jkompli jissottometti:

"Bir-rispett, il-mohh tal-bniedem mhux xi *computer*, tafaslu l-buttuna *delete*, u thassar minn go fih f'hakka t'ghajn u ftit mumenti dak l-istess stat mentali li diga` gie rikonoxxut li agixxa b'agitazzjoni, li minhabba fiha ma setax iqis l-eghmil tieghu. Mhux biss dan mhux l-istat ta' fatt li legittimament u ragjonevolment jemergi, anzi, mill-provi tal-kaz, mill-mod kif l-isparaturi saru bl-addocc, mill-mod kif gie pruvat li l-esponenti kien qieghed jirtira lura lejn il-pjazza, mill-mod kif instabu l-iskratac vojta, u mill-mod kif instab comb fil-lokalita` li ma ghandha x'taqsam xejn minn fejn kienu hergin dawn il-persuni, kollox jindika fil-grad rikjest mil-ligi ghad-difiza, fil-grad tal-probabbilita`, illi altru minn kien ghad hemm u baqghet tissussisti din l-agitazzjoni tal-mohh.

Id-difiza b'lealta`, anke ghal dan it-tieni incident, issottomettiet illi hawn ghandek il-prova ta' l-att materjali, ghandek il-prova ta' l-element tad-dolozita` rikjest mil-ligi u ghandek ukoll dik l-intenzjoni li ghallavolja ma twassalx

ghall-prova diretta li l-akkuzat ried joqtol, izda tista' twassal ghall-prova indiretta pozittiva, li seta' kien hemm il-hsieb li jpoggi l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car. Nonostante dan, pero`, il-linja tad-difiza kienet fis-sens illi l-akkuzat ghandu jwiegeb ghal dan l-omicidju volontarju bl-iskuzanti tal-provvediment tal-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali fejn jirrigwarda l-agitazzjoni tal-mohh.

Id-delitti li bihom gie akkuzat l-esponenti, fit-tieni, it-tielet u r-raba' kapi ta' l-att ta' l-akkuza, huma kollha konnessi ma' incident wiehed li gara fl-istess hin. Kif intqal, ma hemm l-ebda dubbju li rrizulta mill-provi bl-aktar mod abbondanti, illi bejn l-ewwel sparatura fil-kazin, u dan l-incident li sehh fi Triq Bon Kunsill, ghaddew ftit minuti. Hu fatt li jista' jigi konstatat, illi l-gurija hadet cirka seba' sieghat biex tiddelibera dwar dan il-kaz. Huwa fatt illi jista' jigi konstatat, mill-arringa tad-difiza u mill-kontro-replika, illi l-gurija ma kellhiex ghalfejn tiddedika l-ebda hin fid-deliberazzjoni taghha biex tara jekk jissussistix l-omicidju volontarju. Il-bwon sens jghid ukoll illi minhabba n-numru ta' tmien voti kontra wiehed, li fl-ewwel kap ta' l-akkuza kien hemm l-agitazzjoni tal-mohh, ma setax kien hemm hafna hin biex tigi deciza din l-iskuzanti u dan peress il-maggoranza lampanti ta' tmienja minn disa' gurati ddecidew illi kien hemm l-iskuzanti ta' l-agitazzjoni tal-mohh. Il-verdett ghat-tieni, it-tielet u r-raba' kap kienu ta' sitt voti kontra tlieta. Dan ifisser, fic-cirkostanzi tal-kaz, illi tliet gurati baqghu isostnu illi kienet tissussisti din l-agitazzjoni tal-mohh. Dawn il-voti ta' dawn it-tliet gurati juru li dan ma kienx xi verdett fejn xi gurat, l-aktar tnejn, seta' iddecieda b'dan il-mod ghall-finijiet semplici ta' formalita`. Dan kien verdett minimu fit-termini tal-ligi. Legittimament u ragjonevolment, mhux biss mill-provi, imma anke mill-vera sinifikat lampanti tal-verdett ta' l-istess gurija, rigwardanti l-ewwel kap, dan il-verdett dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' kap, huwa prova cara ta' kif l-esponent gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza.

Ghall-grazzja ta' l-argument, u biss ghall-grazzja ta' l-argument, anke kieku l-intervall ta' bejn l-isparatura fil-kazin u l-incident uniku sussegwenti rigwardanti t-tliet kapi l-ohra kien itwal, anke hawn ma kienx ragjonevolment u

legittimament korrett il-verdett dwar dawn l-istess tliet kapi indikati. Il-gurista Vincenzo Manzini, fil-ktieb tieghu 'Trattato di Diritto Penale' (Vol. II, pagina 256), jghid hekk:

**'Ma l'intervallo di tempo tra l'offesa e la reazione escludera` dunque in ogni ipotesi l'attenuante in esame? E` certo, anzitutto, che oggi la questione non si puo` risolvere col criterio delle ventiquattro ore, o della quiete notturna, come facevano i nostri antichi criminalisti. La moderna psicologia, e prima di essa, il buon senso, insegnano che come negli istinti, cosi nelle emozioni, la semplice memoria e la semplice rappresentazione dell'obbietto, possono bastare a dar vita all'eccitamento. Si puo`, ripensando ad un'obbietto passato, provare un'ira maggiore di quella avuta nel momento in cui si ricevette l'offesa'**.

Kif ukoll, ikompli jghid:

**'Dunque, non e` indispensabile, per l'applicabilita` dell'attenuante, che la reazione segua immediatamente all'offesa….'**"
Il-gurista Carrara … jitkellem dwar x'inhu l-istat ta' hasda w biza', ta' x'inhi l-konfuzjoni tal-mohh, x'inhuma l-emozzjonijiet li jgibu 'forza irresistibbli', x'inhuma l-impulsi w kif il-fisiku tal-bniedem ghandu modifikazzjonijiet psikici li jgibu sitwazzjoni fizjopsikologika li twassal ghal dik l-agitazzjoni tal-mohh li l-ligi tqis bhala skuzanti."

Hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi, u kif dejjem gie ritenut huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li

waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[7].
F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind**

---

7 Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989.

**the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda u d-dokumenti esibiti, u hasbet fit-tul dwar is-sottomissjonijiet li saru. M'hemmx dubju li s-sottomissjonijiet li ghamel l-appellant kemm waqt il-guri kif ukoll f'dan l-istadju ta' appell huma ta' sustanza u ghandhom valur argumentattiv qawwi. Naturalment, x'setghet kienet il-fehma tal-gurati minoritariji fil-verdetti dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' kapi hija biss kongettura. Il-gurati, wara li ddeliberaw ghal kemm hin dehrilhom mehtieg, hargu b'verdett fejn iddistingwew bejn l-ewwel omicidju - dak ta' Twanny Baldacchino fil-Kazin tal-Banda - u l-incident sussegwenti fejn inqatlu Rose Baldacchino u binha Antoine u sar ukoll tentattiv fuq il-hajja ta' Carmen Azzopardi. Dak li din il-Qorti trid taghmel mhuwiex li tispekula fuq x'setghet kienet il-fehma tal-gurati minoritarji,

izda jekk il-gurija setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Il-konkluzjonijiet ta' din il-Qorti huma dawn li gejjin:

1. Il-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara access fuq il-postijiet fejn twettqu d-delitti, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), u wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, ikkonkludew li l-appellant huwa hati tal-kapi kollha ta' l-att ta' akkuza kif dedotti kontra tieghu, b'dan li fir-rigward ta' l-ewwel kap l-omicidju volontarju sar meta l-appellant kien taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu.

2. L-appellant xehed waqt il-guri u enfasizza diversi drabi li kien mitluf u mgerfex u spjega fid-dettal ghaliex, skond hu, wasal f'dan l-istat: il-ferita li garrab ibnu b'daqqa ta' mus jew sikkina minghand Matthew Baldacchino, il-girja biex isib tabib, xi diskors li suppost intqal minn xi nurse fil-poliklinika ta' Rahal Gdid li ibnu kellu xorti li ma nqatilx, il-girja lura d-dar ghac-certifikat tat-tetanus u lura Rahal Gdid din id-darba b'martu wkoll tghajjat u tippanikkja u tghajru, il-waqfa l-ghassa fejn jghid li kien hemm pulizija li wahhal fit-tifel tieghu, il-wasla lura d-dar fejn qabad is-senter u skratac u mar l-ghassa biex ifittex lil Matthew Baldacchino u fejn kien hemm pulizija li qallu li kienu baghtuh, u t-tfittxija fil-Kazin ghal Matthew Baldacchino fejn spara lil Twanny Baldacchino.

3. Dwar il-mument li fih spara lejn Twanny Baldacchino pero` jghid ftit li xejn. Il-parti rilevanti fl-ezami hija din:

"Difiza: U allura ma rajtux [lil Matti] fejn tal-karti.

Xhud: Ma rajtux u bqajt immaginajt nahseb dak il-hin sturmuntani le Dott. le x'ghandu x'jaqsam, hoss kbir qisha waqghet id-dinja dak il-hin hemm gewwa.

….

Difiza: Taf li lqattu lil Twanny?

Xhud: Dott. ma nafx jekk ilqattux jew le, naf li rajtu jitmejjel imma ma nafx jekk ilqattux jew le."

Waqt il-kontro-ezami mbaghad insibu dawn il-brani:

"Pros: Iccaralna ftit, is-senter kif qbadtu?

Akkuzat: Mhux f'idek Dott., dan ma tistax

Pros: Mhux ippuntat kien f'ebda hin?

Akkuzat: Le Dott. mhux f'idek hekk irid ikun is-senter.

Pros: Jigifieri min gie hawn u qalilna li ppuntajt is-senter lejn Twanny qed jigdeb?

Akkuzat: Ma nafx Dott., dak il-hin ma nafx.

….

Pros: Mela meta ghidt fl-istqarrija tieghek lill-pulizija - u dan kien fis-17 ta' Mejju - kont ghidt ukoll quddiem il-Magistrat: "Nghid li meta rajt lil Twanny rajtu gej, ippuntajtu lejh u sparajt", dan mhux vera jigifieri, ma ppuntajtx lejn Twanny inti?

Akkuzat: Le Dott.

Pros: Ma ppuntajtx?

Akkuzat: Dak il-hin ma nafx.

….

Pros: U bis-senter kont dak il-hin, kont taf li kellek is-senter hux, dhalt hemmhekk ippuntajt is-senter lil Twanny.

Akkuzat: Is-senter f'idejja kien Dott.

Pros: Ippuntajt is-senter lil Twanny, mela min rak ra hazin?

Akkuzat: Ma nafx Dott. hux veru."

Dan jikkontrasta mac-certezza li wera l-appellant fl-istqarrijiet li ghamel lill-Pulizija dwar kif ipponta s-senter lejn Twanny Baldacchino. Fl-istqarrija li ghamel lill-Pulizija

fis-17 ta' Mejju 1992 stess, jghid li meta mar il-Kazin tal-Banda jfittex lil Matti Baldacchino, kif wasal fil-bieb tal-kamra tal-billiards fuq in-naha ta' gewwa tal-Kazin, ra lil Twanny Baldacchino "u rajtu gej ghalija. Kif rajtu hekk sparajtlu tir, u nghid li s-senter dak il-hin kien dritt f'idejja u kif rajtu gej ippuntajtu lejh u sparajt."

4. Fl-istess stqarrija l-appellant jghid li wara li kien spara lil Twanny Baldacchino, kien sejjer l-ghassa biex jaghti ruhu f'idejn il-Pulizija. Hu u sejjer l-ghassa, hargu zewg nisa (ulied Matti) u tifel u bdew jghajruh. "Jiena hemm sparajt lejhom waqt li kienu hergin mit-triq. Naf ukoll illi f'xi hin f'dan l-incident jiena ergajt ikkargajt is-senter, jigifieri ergajt tfajtlu l-iskratac li kelli fil-but. Ma nafx x'gara ghax dak il-hin qisni ntlift u minflok mort l-ghassa qbadt u mort lejn il-karrozza, irkibt u mort id-dar."

5. Fi stqarrija ohra li ghamel fit-18 ta' Mejju 1992, l-appellant ikkonferma dak li kien qal fl-ewwel stqarrija.

6. Kuntrarjament ghal dak li qal fl-ewwel stqarrija tieghu li ntilef meta spara liz-zewg nisa u t-tifel, meta l-appellant xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti dakinhar stess ta' l-incident, indika li kien diga` mitluf meta mar l-ghassa jfittex lil Matti. Qal li mar ifittxu l-Kazin fejn ra lil Twanny li ghandu idejh mimlija tpingija "avolja tant kont mitluf li rajtu jiccassa lejja u t-tpingija ma rajthiex …. Jien u Twanny ma tkellimna xejn izda meta rajtu gej bil-mixi jghaggel ghal go fija sparajt". Wara li spara kien sejjer l-ghassa biex jaghti ruhu f'idejn il-Pulizija u jghidilhom x'kien ghamel. Hu u sejjer ltaqa' mat-tfal ta' Matti li qabdu jghajruh u beda jisma' tgerfix go widnejh. Hu spara lejhom u anke kkarga s-senter. Meta spara rahom jitilqu jigru lejn l-ghassa. Hu ma baqax sejjer l-ghassa ghax imbaghad beza'. Ma kienx jaf bil-konsegwenzi ta' l-iskratac li kien spara. Ikkummenta: "Ix-xitan illum ghamieni".

7. Nonostante dawn id-differenzi fil-verzjonijiet li ta l-appellant, il-gurati laqghu d-difiza tieghu li meta spara lil Twanny Baldacchino huwa kien jinsab taht agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis il-konsegwenzi ta' l-eghmil tieghu. Jigifieri l-gurati emmnu li

c-cirkostanzi li waslu ghall-qtil ta' Twanny Baldacchino kienu tali li meta l-appellant ra lill-imsemmi Twanny Baldacchino u sparalu, huwa kien f'dak l-istat ta' agitazzjoni tal-mohh.

8. Wara li l-appellant kien spara lil Twanny Baldacchino, *ex admissis* kien sejjer jaghti ruhu f'idejn il-Pulizija. Skond l-appellant, fix-xiehda tieghu waqt il-guri, meta kien hdejn l-ghassa sema' giri kbir gej u twerziq u ghajjat u feggew fuqu t-tfal ta' Matti li hasduh ghax hasibhom gejjin ghalih u beda jispara bl-addocc. Fir-rigward tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' kapi ta' l-att ta' akkuza l-gurati ma sabux li l-appellant kien qieghed jagixxi taht agitazzjoni tal-mohh u dan l-appellant ikkontestah anke b'referenza ghall-kitbiet ta' guristi maghrufa. Fil-fehma ta' din il-Qorti pero` l-gurati setghu legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li waslu ghaliha.

9. Jirrizulta li ma' Twanny Baldacchino fil-kazin kien hemm in-neputi tieghu Antoine. Meta l-appellant spara lil Twanny Baldacchino, Antoine, li jidher li kien ukoll intlaqat b'comba, mar jigri d-dar imbezza'. Ommu Rose Baldacchino, iz-zija tieghu Carmen Azzopardi u l-istess Antoine Baldacchino telqu jigru lejn l-ghassa biex icemplu ghall-ambulanza segwiti minn gara taghhom Artemia Cachia li kienet nurse.

10. Carmen Azzopardi xehdet li meta waslet hdejn il-banka tal-lottu u l-appellant kien mal-bankina ta' l-ghassa, huwa sparalha, hadha f'saqajha u waqghet ma' l-art. Xehdet li mbaghad beda jispara fuq ohtha u fuq it-tifel bl-addocc. "Ohti qaltlu: 'Le jahasra ghax se toqtolli t-tifel'. U hu qalilha: 'Hekk irrid biex nivvendika ruhi minkom'. U hu u jispara beda jghajjat: 'Ejjew, ejjew inzlu'. Beda jigri minn naha ghall-ohra biex jisparalna. Artemia ppruvat tigi zzommni minn hawn biex tkaxkarni 'l fuq u telqitni fuq spallitha, imbaghad rega' tani tir iehor u hadni hawn u waqqaghni ma' l-art."

11. Artemia Cachia xehdet li semghet xi tiri u kif avvicinat il-banka tal-lottu rat lil Carmen Azzopardi minxura ma' l-art b'hafna demm ma' riglejha. Minnufih

hareg ragel b'senter f'idu immirat dehrilha lejha izda quddiemha kien hemm Rose Baldacchino u beda jispara xi tiri. Hi minnufih daret u griet lura u dahlet go bieb irtirat mill-hajt zewg ghetiebi. "Instemghu xi tiri ohrajn u meta dehrli speci li waqa' s-skiet jiena hrigt u avvicinajt ftit 'il quddiem fejn rajt lil Carmen minxura ma' l-art u lil Rosie. Carmen ippruvat se tqum u jiena ersaqt ftit lejha, ghintha tqum u speci minn ma' dahri mxejna ftit passi…. Jiena u sejra b'Carmen … instema' tir iehor u l-piz ta' Carmen hassejtu itqal fuqi u kelli nitlaqha u ergajt mort nigri 'il fejn kont." L-istess xhud tghid ukoll li semghet lill-istess persuna li kienet qed tispara tghid:"Ejjew, ejjew".

12. A bazi tax-xiehda moghtija minn dawn iz-zewg persuni, il-gurati kienu perfettament intitolati li jemmnu li, ghalkemm l-appellant seta' kien "agitat" waqt it-twettiq tad-delitti in kwistjoni, din l-agitazzjoni ma kinitx tali li "ma setax iqis l-eghmil tieghu". Il-fatt li wara li kien spara lil Carmen Azzopardi u feriha f'riglejha, imbaghad meta raha qed tigi meghjuna biex tallontana ruhha minn fuq il-post, rega' sparalha u fil-fatt laqatha, hija xiehda elokwenti ta' dan u turi sens ta' determinazzjoni fl-agir tieghu.

13. L-appellant jissuggerixxi li fir-rigward ta' Carmen Azzopardi ghandu jinstab hati talli kkagunalha hsara fil-gisem billi giet maghmula ferita li dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem bic-cirkostanza li l-offiza kienet ipprovokata b'delitt kontra l-persuna jew, fin-nuqqas, hati ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Carmen Azzopardi b'dan li l-offiza saret fil-waqt li kien taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha fil-waqt tad-delitt ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu. Li Carmen Azzopardi sofriet offiza ta' natura gravi jirrizulta mill-provi izda, in vista ta' dak li ntqal fil-paragrafu precedenti dwar il-mod kif agixxa l-appellant, dawn is-suggerimenti ta' l-appellant ma jistghux jigu milqugha peress illi m'hemmx dubju li kienet tissussisti anke fil-konfront ta' Carmen Azzopardi l-intenzjoni omicida.

14. Jirrizulta wkoll li l-appellant spara diversi tiri lejn il-vittmi tieghu <u>u laqathom</u>. Mhuwiex inverosimili li fost l-isparaturi kollha (gew elevati disat iskratac vojta) ikun

hemm *"a stray shot"* li biha ntlaqtet l-armatura ta' hanut li jinsab fil-bidu ta' Triq il-Herba. Dan ma jfissirx li l-appellant kien qieghed jispara "bl-addocc" fis-sens li jghid hu fir-rikors ta' appell tieghu. Wara kollox il-maggoranza ta' l-iskratac li spara laqtu fejn l-appellant riedhom jolqtu.

15. Ghalhekk is-sitwazzjoni ma kkristallizzatx ruhha b'mod illi fuq bazi ta' probabbilita` il-gurati kellhom ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li kien jissussisti d-dubju ragjonevoli fit-tezi tal-prosekuzzjoni. Dana partikolarment ghaliex m'hemm xejn x'jindika li l-gurati ma setghux ragjonevolment hlief jaslu biex jemmnu dak li xehed l-appellant waqt il-guri.

Ghaldaqstant anke dan l-aggravju huwa michud.

## D. Piena

D1. L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena li l-appellant jikkontendi hija eccessiva. Il-principju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[8].

Din il-Qorti ezaminat is-sottomissjonijiet li saru fir-rikors ta' appell kif ukoll ikkunsidrat is-sottomissjonijiet verbali li saru quddiemha mill-abbli difensur ta' l-appellant. Il-piena erogata mill-ewwel Qorti certament taqa' fil-parametri tal-ligi, ghalkemm fil-massimu possibbli. Pero` din il-Qorti hi disturbata mill-gravita` ta' dan il-kaz li huwa sintomatiku tal-vjolenza esagerata li xi kultant tisventra l-ordni pubbliku u t-trankwillita` ta' pajjizna. Ghalhekk meta jigru kazijiet bhal dak in dizamina, min ikun responsabbli jrid jirrispondi ta' ghemilu permezz ta' piena adegwatament harxa. U bhalma qalet din il-Qorti f'**Ir-Repubblika ta'**

---

[8] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**Malta v. Dominic Bonnici** fis-sentenza taghha tal-11 ta' Novembru 2004: *"Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibaghtu messagg car mhux biss li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, izda li meta tali vjolenza tkun indirizzata lejn minuri jew anzjani jew lejn persuni ohra partikolarment vulnerabbli, il-piena ghandha tkun aktar severa minn dik li normalment tinghata f'kazijiet ohra."*

Ghalhekk, u wara li hasbet fit-tul dwar dan il-punt, fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tara l-ebda raguni sabiex tiddisturba l-piena li giet inflitta mill-ewwel Qorti.

D2. L-appellant jilmenta wkoll li s-somma ta' l-ispejjez peritali li gie kkundannat ihallas hija esagerata, li ghandu jkollu d-dritt li jivverifika l-ammonti, u li sitt xhur zmien ghall-hlas huwa impossibbli.

Dan l-ilment huwa ghal kollox fieragh u qieghed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------